MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2013

Numru. 380/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridione Zammit**

**VS**

**Carmelo Farrugia, iben Giuseppi u Teresa nee' Pulis, imwieled Tarxien nhar is-16 ta' Gunju, 1958, residenti fil-fond 389, Triq San Tumas, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita' numru 411458M;**
**U Alan Farrugia, iben Carmelo u Josephine nee' Micallef, imwieled Tal-Pieta' nhar il-11 ta' Novembru, 1989, residenti fil-fond 389, Triq San Tumas, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita' numru 533889M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Carmelo Farrugia** u **Alan Farrugia** li gew akkuzati talli:

Nhar is-27 ta' April, 2008, ghall-habta tas-7.00pm, u hinijiet qabel fi Triq San Tumas, Tarxien, bil-hsieb li jaghmlu delitt, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt u cioe' ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mario Bonnici minn Rahal Gdid;

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, uzaw strumenti li jaqtghu jew iniggzu, u kkagunaw ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Mario Bonnici minn Rahal Gdid, skont ma ccertifikaw Dr Anton Bugeja Reg 2466 mic-Centru tas-Sahha Bormla, u Dr S Degabriele mill-Isptar Mater Dei;

U aktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied, jew b'mod iehor;

U aktar talli **Carmelo Farrugia wahdu**, fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, hedded bi hwejjeg iebsin lil Josef Gafa' minn Hal-Tarxien;

U aktar talli **Alan Farrugia wahdu**, fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, uza strumenti li jaqtghu jew iniggzu, u kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq Joseph Manicaro minn Hal-Tarxien, skont ma ccertifika t-Tabib Dr Anton Bugeja Reg 2466 mic-Centru tas-Sahha Paola;

U aktar talli **Alan Farrugia wahdu,** uza strumenti li jaqtghu jew iniggzu u kkaguna hsara fil-gisem, jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq Benedetto Bonnici minn Hal-Tarxien, skont ma ccertifika Dr Daryl Xuereb Reg 2969 mic-Centru tas-Sahha Paola.

Rat illi l-imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom, kif ukoll illi ma kellhom ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat illi gie anke ezebit il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat il-provi kollha.

Xehed certu Mario Bonnici dwar dan l-incident. Qal illi hu fih ma kinx involut. Qal illi hu mar fil-post ghax mar hdejn huh Carmelo jaghlef iz-ziemel. Qal illi ra lil hutu Domenic u Benedittu, u sema' lil huh jghidlu "Ar'hemm ar'hemm!!", u spicca qala' daqqa ta' skarpa (katina hoxna). Qal illi din kienet katina li kienu jorbtu l-baqar biha. Qal illi hu fit-triq, ghajr ghal huh Benedittu, ma kien ra lil hadd. Jghid illi kull ma ra kienu erba' daqqiet ta' hadida. Identifika lill-imputat Karmenu bhala dak li tah bil-katina. Qal illi hawn waqa' mal-art, kif ukoll illi mbaghad l-imputati bdew ixejru bil-mingel u bil-katina. Qal illi sofra erba' punti taht ghajnejh. Muri katina ezebita, insista li dik li qala' biha kienet akbar, li kellha holqa kbira. Dwar daqqiet li sofra, qal illi barra f'ghajnejh u mniehru, qala' go rasu u anke bil-katina go daru. Ezebixxa hames ritratti tal-griehi li sofra (folio 75).

In kontro ezami Mario Bonnici kkonferma li l-pulizija kienu staqsewh jekk gurnata qabel l-incident kellhomx incident ma' Karmenu, u li dan kien wiegeb illi gurnata qabel hu kien imsiefer ma' martu. Qal illi hu qatt ma kellu xi jghid ma' Karmenu, qatt ma kellmu ghalkemm kien jghaddi minn hdejh. Ikkonferma dak li qal illi dakinhar tal-incident kien mar jaghlef u mar hdejn huh, u habta u sabta ra lil Carmelo Farrugia jxejjirlu bil-katina, bl-iskarpa u li kull ma qallu jekk kinx mar ghall-glied. Zied illi kieku ried jiggieled mieghu, fil-bagoll kellu "parankini tal-ghodda" (folio 212), u li kien jaqbad u johrog wahda minnhom. Qal illi mar minn warajh bl-iskarpa. Qal illi hu mar ikellem lil hutu jghidilhom li rieduhom l-ghassa. Il-pulizija qalulu li gurnata qabel kellhom xi jghidu ma' Farrugia. Dan sar jafu anke minghand hutu. Qal illi hu fuq il-post tal-incident lil Manicaro ma kinx rah ghax mad-daqqa ntefa' mal-art, u lanqas jaf min wasslu. Qal ukoll illi sema' lit-tifel ta' huh jghajjat lil Josef Gafa', biex jipprova jzommhom.
Xehed aktar tard li gie mitkellem minn Dr Mario Scerri, nominat mill-Qorti appozitament.

Ghalhekk Dr Mario Scerri, wara li ezamina lil Mario Bonnici, ikkonkluda hekk:

1. “*Illi c-cikatrici tawwalija fuq in-naha tal-lemin tal-wicc kienet antika u ma kinitx relatata mal-incident in kwistjoni;*

2. *Illi c-cikatrici deskritta fuq l-angolu laterali tal-ghajn il-leminija kienet rizultat ta' lacerazzjoni maghmula minn blunt trauma u kienet tidher minn talking distance;*

3. *Illi c-cikatrici deskritta fuq in-naha tal-lemin tal-imnieher kienet rizultat ta' lacerazzjoni maghmula minn blunt trauma u kienet vizibbli minimament minn talking distance;*

4. *Illi c-cikatrici deskritta taht il-kappell tal-ghajn il-leminija kienet rizultat ta' lacerazzjoni maghmula minn blunt trauma u vizibbli minn talking distance;*

5. *Illi c-cikatrici deskritta fuq in-naha tal-lemin tal-parti t'isfel tal-imnieher li kienet testendi san-nasal labial fold tal-lemin kienet rizultat ta' lacerazzjoni maghmula minn blunt trauma u li kienet tidher minimament minn talking distance;*

6. *Illi ma kinx hemm il-htiega ta' oftalmologu jew specjalista tal-ENT dwar dawn il-lezjonijet deskritti.*”

Carmelo Bonnici, hu x-xhud gia' deponenti, qal illi kien tiela' mill-ghalqa fejn iz-ziemel, u ra lil huh Mario Bonnici kollu demm.

Minn naha tieghu Beneditto Bonnici xehed illi hu u huh Domenic kienu qed inaddfu r-razzett ta' Hal Tarxien. Marru hemm Karmenu Farrugia u t-tifel tieghu, u qalulhom li kienu krew ir-razzett, u ghalhekk baghtu ghas-sid biex jispjegalhom. Xehed illi qallhom Karmnu li riedu jaghmlu l-kontijiet. Qal illi anke ghadda huh u li hawn it-tifel ta' Karmenu dar, gab mingel u katina, u bla ma taw cans qabdu jxejru bihom. Indika lill-imputati. Xehed illi l-aktar li ntlaqat kien huh, lilu laqtuh biss f'rasu.

In kontro ezami Benedetto Bonnici xehed dwar interess li kellu f'ghalqa, u li hu kien qal lil certu Joseph Manicaro jnehhi z-zwiemel minn hemm. Qal illi kien mar fuqu

Karmenu Farrugia, u qallu li hemm fl-ghalqa ma kellu xejn. Kien hawn li skondtu ndahal ibnu. Qal illi dan gab mingel u katina. Dawn beda jxejjer bihom. Qal illi beda jxejjer lilu u lil Peppi Manicaro.

Qal illi kienu hu u huh Domenic li kienu krew ir-remissa, tant illi kellhom anke c-cwievet tal-istess, u anke kienu dahlu fir-remissa. Xehed ghalhekk illi Karmenu l-imputat dahal u staqsiehom x'kienu qed jaghmlu hemm, u kien ghalhekk li marru ghal Manicaro. Ghalhekk zied illi kif kien gej lura ma' Manicaro, hareg Alan mid-dar taghhom fejn joqoghdu proprja u f'idu kellu mingel u katina. Hawn kien waqaf huh Mario. Rega' rrepeta li Karmenu Farrugia qallu li kienu ser jaghmlu l-kontijiet. Xehed illi ra l-katina f'idejn Karmenu u l-mingel f'idejn ibnu Alan. Qal illi meta ra hekk, hu mir-razzett hareg jigri.

Qal illi hu hass il-bzonn li jmur ifittex lil Manicaro meta Karmenu qallhom li kienu ser jaghmlu l-kontijiet, stante li l-ahwa f'dan il-fond kienu bil-kera u dan Manicaro kien sid il-post.
Innega li xi hadd mill-ahwa kien armat. Innega li kien jaf li bejn Farrugia u Manicaro kien hemm xi kwistjonijiet.

Domenic Bonnici xehed illi kien flimkien ma' huh Benny, kien ghadu ma dahalx (allura fir-razzett). Jghid illi kien ghadu bic-cwievet f'idu meta mar fuqhom il-ko-imputat Karmenu li staqsieh min kien qallu jidhol hemm. Wiegbu li kienu ser jaghmlu l-kontijiet. Qal illi dar biex johrog biex jghid lis-sid, u ghalhekk hargu mill-bieb. Hareg anke Karmenu. Qal illi gabu mingel u skalpa, u li waqaf huh (iehor) hdejhom, u kif fetah il-bieb qabdu jxejrulu left and right bi skalpa u mingel (folio 134).

Spjega li l-iskalpa kienet katina tal-barrin b'holqa kbira u b'cavetta biex taghmilha ma' ghonqu.

Qal illi waslu l-pulizija, u li huh sofra griehi tajbin.

Dwar ir-razzett qal illi hu kien ser ikun il-kerrej u li kien tah ic-cavetta s-sid, cioe' Joseph Manicaro. Xehed ukoll illi li

kieku qallu li hemm kien tieghu, kien johrog ‘il barra u li lanqas kien ilu sieghu li dahal gol-post.

Minn naha tieghu Joseph Manicaro xehed illi kien mar Benny Bonnici ghalih, u qallu biex imur mieghu ghax Karmnu kien qieghed jghid li hu (Manicaro) ma kellu xejn. Telghu lejn ir-razzett u hareg Karmnu bil-katina f’idejh u t-tifel sparat ghal Domenic bil-mingel (folio 138).

Qal illi meta ra lil Karmnu sejjer bil-katina dar ‘l isfel, pero mbaghad mar iferraqhom. Qal illi t-tifel ta’ Karmnu – Alan, lilu tah daqqa ta’ mingel fuq rasu u laqtu anke f’idu. Dwar ir-razzett li dahlu fih Bonnici, spjega li dak kien tieghu u li kellu fraction zghira minnu Karmnu, u li dan ma hallix lil Bonnici jidhlu go hwejgu ghax hekk kien iqis dan ir-razzett. Qal illi hu lil Bonnici kien tah il-jedd fuq dak li jappartjeni lilu mhux fuq il-parti ta’ Farrugia. Zied illi x’hin ra l-bicca tax-xoghol tal-mingel u tal-katina, hu nizel icempel lill-pulizija.

In kontro ezami qal u qabel li bejnu u bejn il-familja Farrugia kien hemm ghal zmien twil diffikultajiet fuq qsim ta’ proprjeta’, spjega li kien hemm razzett li kellu 90% minnu u fraction ohra huma, u li fil-parti tieghu ried idahhal in-nies. Qabel ukoll illi dehru diversi drabi l-Qorti fuq incidenti varji konnessi mal-proprjeta’, u anke li kien intrabat li qatt ma jivvessa lil Carmelo Farrugia; ukoll illi fir-razzett in kwistjoni fejn hu ried idahhal in-nies, Karmnu kellu sehem indiviz. Qabel illi kien ilu jaf lill-ahwa Bonnici ghal xi erba’ snin, u li kien gia’ krielhom proprjeta’ ohra, u kien bil-hsieb illi anke jikrilhom din mertu tal-kwistjoni.
Zied illi hu ma kinx bi hsiebu jdahhalhom fil-parti ta’ Karmnu.
Ikkonferma illi meta tela’ ma’ Benny, wara li dan mar ghalih, ra lit-tifel ta’ Karmnu hiereg mid-dar tieghu bil-giri bil-mingel u mar ghalih u ghal Benny.

Minn naha tieghu Dr Anthony Carmel Bugeja kkonferma c-certifikat minnu mahrug fil-konfront ta’ Mario Bonnici, griehi sofferti minnu deskritti “*……..qasma fuq il-bicca ta’ fuq ta’ mniehru, bridge of nose; qamsa twila 2cm b’mod orizzontali taht l-ghajn il-leminija li kellu bzonn il-punti;*

*barxa taht in-naha tal-lemin taht l-imnieher; qasma fuq in-naha ta' fuq tal-ghajn il-leminija taht l-imnieher; qasma fuq in-naha ta' fuq tal-ghajn il-leminija; mill-inqas 9 sinjali homor maghmula b'mod orizzontali wiesa' nofs centimetru u twila kull wahda iktar minn 3cm.*" (folio 114). Iccertifika l-istess bhala griehi ta' natura hafifa stante li ghalih jekk dawn ifiequ u ma jhallux marka, allura ma kinx jirrizulta l-isfregju.

Gew ezebiti wkoll mill-Ispettur Spiridione Zammit certifikati medici fil-konfront ta' Bonnici Mario – hfief salv kumplikazzjonijiet (Dok SZ a folio 21); Mario Bonnici slight (from ENT point of view) Dok SZ9 a folio 23; Manicaro Joseph hfief Dok SZ10 a folio 25; Benedetto Bonnici hfief Dok SZ 11 a folio 26. Ezebixxa wkoll l-istqarrijiet ta' Carmelo Farrugia a folio 15 Dok SZ6; u Alan Farrugia Dok SZ7 a folio 18. Iz-zewg stqarrijiet ittiehdu taht ir-regime legali vigenti dak iz-zmien, cioe' minghajr id-dritt ta' assistenza legali.

Gew ezebiti wkoll il-fedini penali tal-imputati Carmelo u Alan Farrugia, Dok SZ3 a folio 9, u Dok SZ4 a folio 11 rispettivament.

Aktar tard, fuq talba tad-Difiza, ezebixxa wkoll il-fedina penali aggornata ta' Joseph Manicaro Dok SZ1; kif ukoll seba' (7) rapporti mgahmula minn Carmel Farrugia fil-konfront ta' Joseph Manicaro fil-perjodu bejn 2001 – 2010 Dok SZ2; kif ukoll il-fedina penali ta' Benedetto Bonnici mmarkata Dok SZ3; dik ta' Mario Bonnici Dok SZ4 folio 180 – 202.

Xehed ukoll PS 1084 Sandro Mallia li qal illi fuq telefonata li rcieva minghand mart Carmelo Farrugia, accedew fuq il-post tal-incident u hemm f'nofs ta' triq sabu lil Carmelo u lil ibnu Alan u f'dak il-hin xehed illi f'idu Carmelo kellu katina, mentri Alan kellu mingel. Jghid illi dawn kienu biswit xulxin, vicin ta' xulxin u li ftit 'il boghod minnhom kien hemm zewg persuni li kienu Benedetto u Domenic Bonnici, u ftit 'il boghod minnhom fil-genb tat-triq kien hemm Mario Bonnici li kellu wiccu kollu demm li qallu li Carmelo kien laqtu f'wiccu bil-katina. Hadilhom lill-imputati

l-katina u l-mingel li kellhom f'idejhom. Fuq informazzjoni moghtija minn Carmelo (il-ko-imputat) li wiehed mill-ahwa kellu f'idu pistola li heba fil-van IAF941, xehed illi saret tftittxija fl-istess vettura, izda li kull ma nstab kien cutting knife li ma kinitx tiffunzjona, u li kienet bla xafra. Ezebixxa l-PIRS Dok M. Qal ukoll illi x'hin wasal fuq il-post, bdew ukoll jargumentaw bejniethom ghall-glied. L-Ispettur Spiridione Zammit aktar kmieni fil-proceduri ezebixxa l-katina u l-mingel elevati mill-pulizija.

In difesa xehed ukoll Joseph Gafa' li xehed illi dakinhar tal-incident nizel ghalih it-tifel ta' Domenic Bonnici waqt illi hu kien hdejn iz-ziemel, u talbu l-ghajnuna ghax kienu qed jiggieldu. Qal illi meta wasal hu fuq il-post kien hemm diga' l-pulizija, u li l-glieda kienet lesta, waqfet. Insista li hu ma kellu x'jaqsam xejn, illi kien jaf lil Manicaro biss ghax kien jigi minn ommu. Xehed ukoll illi meta wasal fuq il-post l-imputati fil-presenza tal-pulizija hargu ghalih, pero regghu dahhluhom gewwa l-pulizija. Xehed illi hu kien jaf lil Manicaro ghax kien jigi minn ommu, kif ukoll - bi tqanzieh, illi diga' kien jaf li l-partijiet kellhom xi jghidu fuq il-kirja tar-razzett.

Maghluqa l-provi, semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti, in linea mal-varji decizjonijiet Kostituzzjonali ta' Charles Stevens Muscat in partikolari, deciza nhar it-8 ta' Ottubru, 2012, mhix ser taghmel referenza ghal dak ammess fl-istqarrija, nonostante li dawn donnhom qatt ma gew kontestati mid-Difiza. Anzi d-Difiza tistrieh fuq l-istess biex taghti spjegazzjoni tal-agir tal-imputati, u cioe' li huma ghamlu dak li ghamlu in difesa taghhom infushom ghax kienu ser jigu aggrediti, "about to be threatened".

Issa din il-Qorti m'ghandha ebda dubju ta' xejn mill-karatteri u attitudni billigeranti ta' kull individwu hawn involut – dan huwa ben rifless anke mill-fedina penali taghhom, fejn xi whud minnhom anke gew ikkundannati pieni karcerarji. Temmen ukoll il-Qorti - ghalkemm l-ahwa aggrediti tqanshu biex ammettew dan, illi l-gurnata qabel

l-incident in dezamina gia’ kien hemm disgwid bejn il-partijiet, jidher dejjem fuq ir-razzett li krielhom Manicaro. Anzi jidher illi ilhom hafna bid-disgwidi bejniethom!! Minn naha tal-imputati, kif xehed is-Surgent 1084, Carmelo Farrugia qal lill-pulizija li f’id wiehed mill-ahwa Bonnici waqt dan l-incident kien hemm arma – pistola. Ghalkemm saret tfittxija ghaliha, din ma nstabitx.

Issa, anke jekk titwemmen l-ezistenza ta’ din l-arma jew sikkina (wahda bla xafra kif sabu l-pulizija), pero jekk dan kien il-kaz, certament l-imputati ma qaghdux lura ghax minn darhom, minflok dahlu ssakkru u cemplu lill-pulizija ghall-assistenza, hargu mingel u katina!! Allura hargu ghall-glied u ma hemm ebda interpretazzjoni ohra ghal dan! Zgur mhux interpretazzjoni ta’ self defense din!!

Jibqa’ l-fatt tal-griehi sofferti minn Mario Bonnici li gie ezaminat minn Dr Mario Scerri sena u xahar wara l-incident. Il-konkluzjonijiet tieghu gia’ gew riprodotti (bir-ritratti nkluzi fl-istess relazzjoni), u wara tant trapass ta’ zmien, ikkonkluda li l-griehi inflitti fuq Mario Bonnici f’wiccu, kienu vizibbli minn talking distance, ftit minnhom minimament.

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda ssibhom it-tnejn hatja ta’ griehi gravi nflitti fuq Mario Bonnici, u dan wara li rat l-Artikoli 214, 216, 217, 218, u 64 (stante l-uzu tal-katina u l-mingel) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; Alan Farrugia wahdu hati wkoll talli kkaguna feriti hfief fuq Joseph Manicaro skont l-Artikoli 221 u 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; ukoll it-tnejn hatja talli kisru l-bon ordni skont l-Artikolu 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; hatja wkoll it-tnejn ta’ griehi hfief ikkagunati fuq Benedetto Bonnici, anke wara li rat l-Artikoli 221, 217, u 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tillibera lil Carmelo Farrugia wahdu fil-konfront ta’ kwalunkwe aggressjoni fuq Josef Gafa’ in kwantu dan fix-xhieda tieghu jitkellem fuq iz-zewg akkuzati li hargu ghalih u ma jsemmi ebda hwejjeg iebsin.

Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali, u qieset il-vertenzi kontinwi li hemm bejn il-partijiet; hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-feruti jew aggreduti ahwa Bonnici gia' kienu nvoluti f'xi vertenzi l-gurnata ta' qabel fuq l-istess fond mal-akkuzati. B'dan kollu pero, xejn u qatt ma huwa gustifikat jew accettat. L-imgieba tal-imputati anzi, hija wahda ghal kollox deplorevoli.
Ghaldaqstant, qieghda in vista' tac-cirkostanzi kollha, tikkundanna lill-imputati ghal piena karcerarja ta' sentejn(2) sospizi ghal erba'(4) snin, u dan wara li rat l-Artikoli 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda bil-forza ta' hekk, torbot lil kull wiehed mill-imputati ghal sena(1) mill-lum b'obbligazzjoni ghas-somma ta' €2,300 li bl-ebda mod ma jivvessaw jew idejqu lil ebda mill-ahwa Bonnici, cioe' Mario, Domenic u Benedetto; lil Joseph Manicaro u lil Josef' Gafa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------